MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2010

Avviz Numru. 9/2010

**Avviz Numru. 9/10 VG**

**Ray Coppini ghan-nom u in rapprezentanza ta’ W&J Coppini & Co**

**Vs**

**John Mary Gauci**

**Il-Qorti**

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-attur nomine jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ erbat elef Ewro (€4000) rapprezentanti ammont misluf lilu bhala self brevi manu skond l-iskrittura privata datata erbatax (14) ta’ Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009) skond kopja annessa mal-atti tal-avviz immarkata bhala Dok.RC1.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 9/2010 u bl-imghax legali mill-10 t’Awwissu sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Rat li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Frar 2010 fejn il-konvenut talab differiment bl-iskop li jigi effettwat il-pagament lill-attur nomine, liema hlas pero’ baqa’ ma sarx.

Rat il-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur nomine u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Rat l-atti tal-kawza u semghat lill-attur Raymond Coppini li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur nomine tirrizulta sodisfacentement ippruvata, il-Qorti tilqa’ t-talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ erbat elef Ewro (€4000.00), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------